Avviz Numru CCT 137/15/GB

**Marthese Zahra**

**vs**

**Gaetano Busuttil**

Illum 9 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Gunju, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn tnejn u disghin Ewro u tmienja u hamsin centezmi (€292.58), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal drapp li nxtara minn terza persuna u l-hjata ta' libsa li saret mill-intimat, liema hjata ma kienitx tal-kwalita' pattwita.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hekk kif marret tiġbor il-libsa minghand l-intimat hija mill-ewwel kienet ġibditlu l-attenzjoni li l-libsa kienet difettuża minhabba l-hafna ġbid li kellha kkawżat minn *motifs* mehjutin bil-magna.

Jumejn wara, il-libsa ġiet irritornata lill-intimat bl-ghan li jirranġa l-gbid. Hawn, l-intimat shaq li dak l-istess drapp li r-rikorrenti kienet xtrat fil-prezenza ta' l-intimat fit-2 ta' Marzu 2015, minghand *JB Stores,* ma jinforrax ruhu, meta fil-verita', kwalunkwe drapp jinforra ruhu minbarra li l-intimat kien mar-rikorrenti meta xtrat id-drapp.

Minkejja li l-intimat irrangaha, il-gbid baqa' hemm u hawnhekk irriżulta difett iehor minhabba li c-cinga tal-lemin hija itwal minn dik tax-xellug.

Fil-21 ta' April, meta ghall-ahhar darba r-rikorrenti marret ghand l-intimat sabiex tghidlu li kienet ghadha mhux sodisfatta bil-libsa, l-intimat qalilha li x-xoghol issa kien maghluq u dak li ghamel kien biss bi pjaċir, meta r-rikorrenti stenniet servizz tajjeb bhal kwalunkwe servizz iehor mixtri bi flus.

Ghalhekk, ir-rikorenti qieghda titlob rimedju ghas-sitwazzjoni billi tinghata lura l-ammont dovut lilha, u cioe' mija tnejn u disghin Ewro u tmienja u hamsin ċenteżmi (€192.58) tad-drapp u l-mitt Ewro (€100.00) hjata li r-rikorrenti hallset lill-intimat fis-26 ta' Marzu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqa' kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi hija hallset mitt Ewro (€100.00) lill-intimat wara li kienet rat il-libsa u ma kienitx kuntenta biha.

Ir-rikorrenti ezebiet il-libsa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentax ir-risposta tieghu bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, minkejja l-fatt illi ma nghatat l-ebda raguni valida ghalfejn ir-rikorrenti hallset lill-intimat wara li d-difetti fil-hjata kienu daqstant evidenti lilha, u dan fuq ammissjoni tar-rikorrenti stess, it-Tribunal jikkonkludi illi kien hemm nuqqas ta' servizz da parti ta' l-intimat, u ghalhekk, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti biss in parte billi jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija tnejn u disghin Ewro u tmienja u hamsin centezmi (€192.58) lir-rikorrenti, ghad-drapp li nxtara fuq il-parir ta' l-intimat stess, u jordna lill-intimat ihallas ukoll l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00), li huwa kien diga' offra, lir-rikorrenti, filwaqt li jordna lir-rikorrenti tirritorna l-libsa in kwistjoni lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**